MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2015

Numru. 33/2007

**Il-Pulizija**

**(Assistent Kummissarju Norbert Ciappara)**

**vs**

**Rudy Vella**

**(ID 2684(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Rudy Vella, ta' 22 sena, imwieled il-Pieta` fil-5 ta' Dicembru 1983, iben Mario u Rita nee` Schembri, residenti Nru. 7, Savoy Flats, Savoy Hill, Sliema u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 2684(M):

1. Akkuzat talli fid-29 ta' April 2004 u matul il-granet ta' qabel din id-data traffika, biegh, qassam jew offra li jitraffika, jbiegh jew iqassam medicina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati;

2. Talli fl-1 ta' Mejju 2006, kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati;

3. Talli fl-1 ta' Mejju 2006, kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-IV u s-VI Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap. 31), sabiex dan il-kaz jinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tas-27 ta' Mejju 2013, il-partijiet iddikjaraw li kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Il-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Nhar l-1 ta' Mejju 2006, waqt li pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga kienu qeghdin xoghol gewwa *party*, huma osservaw lill-imputat javvicina l-entratura tal-istess *party* u jerga' jdur lura u ddecidew li jsegwuh. Huwa mexa madwar hamsin jew mitt metru mill-entratura msemmija u gie nnutat jgholli s-*seat* ta' mutur, johrog pakkett minn hemmhekk, jiehu xi haga u jpoggiha fil-but u jerga' jpoggi l-pakkett fil-mutur. L-istess Ufficjali tal-Pulizija dak il-hin marru fuqu u ghamlulu tfittxija, mil-liema tfittxija huma sabu borza bi trab abjad fil-but tal-qalziet tal-imputat. Fil-mutur, sabu pakkett tas-sigaretti li kien fih izjed trab abjad u zewg pilloli suspettati *ecstasy*. Dawn l-oggetti gew elevati u l-imputat gie arrestat ghal investigazzjoni ulterjuri.[1]

[1] Ara x-xhieda ta' SM 45 Marisa Bartolo, a fol. 13 *et seq* tal-process;

Fix-xhieda tieghu, l-Ispettur (illum Assistent Kummissarju) Norbert Ciappara[2], xehed dwar dak li kien intqal lilu mill-membri tal-Iskwadra kontra d-droga ossia dak li wassal ghall-arrest tal-imputat odjern u li l-istess imputat irrilaxxja stqarrija fit-2 ta' Mejju 2006. Din l-istqarrija giet esebita mix-xhud[3], flimkien mas-sustanza li nstabet fil-pussess tal-istess imputat.[4] Fix-xhieda taghha, SM 45 Marisa Bartolo[5] gharfet l-esebit ipprezentat fl-istess seduta mill-Ispettur Ciappara u kkonfermat illi l-kitba fuq l-esebit kienet taghha, li hija kitbet dan il-kliem dak il-hin stess u ssigillat l-oggetti in kwistjoni fil-presenza tal-imputat.

Fl-istqarrija rilaxxjata minnu fit-2 ta' Mejju 2006, wara li nghata t-twissija li huwa kellu dritt li ma jitkellimx, izda dak li jghid jista' jingieb bhala prova, l-imputat qal illi l-mutur li juza kien ta' ommu u meta mistoqsi dwar il-bicca borza bi trab abjad suspettat kokaina u zewgt pilloli u ohra mfarrka suspettati *ecstasy*, huwa qal illi dawn kienu tieghu u li kienu ghall-uzu personali tieghu. Huwa indika lill-persuna minghand min kien jixtri l-kokaina u li din flimkien mal-*ecstasy*, kienu ilhom ghandu xi tliet xhur. Mistoqsi jekk kienx jaf lil certu Christopher Callus maghruf bhala l-Gamillu, huwa jwiegeb fl-affermattiv izda jghid li kien ilu xi sena ma jarah u li kien jafu ghaliex kien l-iskola sekondarja mieghu. Mistoqsi jekk kienx qatt laqqa' lil xi persuna mal-istess Callus biex dan jixtri l-*ecstasy* minghandu, l-imputat wiegeb "*definitely not*". Meta gie issuggerit lilu illi l-pulizija kellha xhieda guramentata ta' persuna li qal illi huwa (ossia l-imputat) kien laqqghu ma' Callus fit-30 ta' April 2004, biex ikun jista' jixtri l-*ecstasy* minghandu (ossia minghand Callus), l-imputat wiegeb li ma jistax ikun ghax meta huwa gieli xtara l-*ecstasy*, huwa kien jixtri xi pillola jew tnejn ghall-uzu tieghu u li huwa rari kien juza l-*ecstasy.* Mistoqsi kienx jaf jekk Callus kienx jittraffika l-*ecstasy* dak iz-zmien, huwa wiegeb fin-negattiv, li ma kinitx bicca tieghu u li huwa kien sempliciment jaf min hu. Qal illi fil-borza li nstabet bil-kokaina, kien hemm xi nofs gramma u li kien xtraha bil-prezz ta' Lm35. Qal

[2] A fol. 10 *et seq* tal-process.
[3] Dok. NC, a fol. 12 *et seq* tal-process.
[4] Dok. NC1.
[5] A fol. 13 *et seq* tal-process.

illi din kienet it-tieni darba li uza l-kokaina, l-ewwel darba xi sitt xhur qabel u t-tieni darba, dik li nstabet fuqu u li kienet ilha ghandu xi tliet xhur.[6]

Xehed ukoll Stephen Mifsud[7] li qal illi huwa kellu kaz dwar drogi *ecstasy* li kien gie deciz. Ikkonferma li huwa kien indika lill-pulizija li l-imputat kien laqqghu ma' persuna ohra biex jixtri l-pilloli *ecstasy.* Qal illi huwa kien iltaqa' mal-imputat il-Hamrun u kien hallieh ma' persuna ohra biex dan tal-ahhar jaghtih l-*ecstasy*. Qal illi l-imputat kien qallu li ser ihallih ma' din il-persuna, biex dan jikkonsenjalu l-pilloli. Huwa kien iltaqa' mal-imputat go xi *clubs* u kien l-imputat li laqqghu ma' persuna ohra biex xtara l-pilloli li l-pulizija sabu ghandu. Qal li kien xtara mitt pillola *ecstasy* minghand din it-terza persuna. In kontro-ezami, mistoqsi kemm il-darba kien iltaqa' mal-imputat, huwa wiegeb li kien iltaqa' mieghu darba jew l-izjed darbtejn. Mitlub jindika d-dati meta huwa ltaqa' mal-imputat, ix-xhud wiegeb li ma kienx jaf id-dati bl-ezatt, ghaliex ghaddew tmien snin u fuqhom u li l-kaz kien ilu tmien snin. Qal li bejn wiehed u iehor, huwa kien iltaqa' darbtejn mal-imputat tmien snin qabel u li kien iltaqa' mieghu fil-hrug, qisu dejjem wara nofs il-lejl. Din kienet l-unika darba li xtara d-droga tramite l-imputat u li kien l-imputat li kien cempillu biex jiltaqa' mieghu. Qal illi huwa xtaq jixtri d-droga u kien qal b'dan lill-imputat. Wara kien cempillu l-istess imputat biex ikun jista' jiltaqa' mat-terza persuna.

PS 114 Massimo Persiano xehed[8] illi fil-lejl ta' bejn it-30 ta' April u l-1 ta' Mejju 2004, huwa kien qieghed xoghol *extra duty* gewwa l-*Axis Discotheque*, Paceville, fejn ghamlu tfittxijiet fuq xi persuni fosthom Stephen Mifsud u kienu sabulu xi pilloli *ecstasy*. In kontro-ezami, ix-xhud ma kienx jaf jghid kemm instabu pilloli fuq il-persuna ta' Mifsud, ghaliex ghadda z-zmien u qal illi lill-imputat ma kienx jafu.

---

[6] PC 1213 Carlos Axisa xehed illi huwa kien prezenti ghal din l-istqarrija u gharaf lil Rudy Vella bhala l-imputat odjern.
[7] A fol. 44 *et seq* tal-process.
[8] A fol. 49 *et seq* tal-process.

Mir-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud[9], jirrizulta illi d-dokument li huwa gie moghti ghall-analizi kien jikkonsisti f'pakkett tas-sigaretti vojt tal-marka Rothmans u borza tal-karti bajda li kienet vojta. Kien hemm ukoll borza tal-*plastic* trasparenti li fiha kien hemm borza zghira tal-*plastic* bi trab ta' lewn *off-white* fiha, zewg pilloli ta' lewn *off-white* li kienu mgezwra separatament go bicciet tal-*plastic* u bicca *plastic* bi tracci ta' trab ta' lewn *off-white*. Skond il-konkluzjonijiet tal-istess espert:

a) Fit-tracci ta' trab ta' lewn *off-white* li kien hemm fuq bicca *plastic* fid-dokument moghti lilu, instabet is-sustanza *3,4-Methylenedioxymethamphetamine (MDMA)*;

b) Fiz-zewg pilloli ta' lewn *off-white* li kien hemm fl-istess dokument instabet is-sustanza *3,4-Methylenedioxymethamphetamine (MDMA - ecstasy)*. Din is-sustanza hija *central stimulant* u hija kkontrollata bil-ligi taht it-Tielet Skeda, Parti A tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) Fit-trab ta' lewn *off-white* li kien hemm f'bicca *plastic* fl-istess dokument, f'ammont nett totali ta' 0.599 grammi, instabet is-sustanza kokajina. Il-purita` tat-trab ta' lewn *off-white* ghas-sustanza kokajina kienet ta' cirka 48.8%. Is-sustanza kokajina hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi fl-ewwel lok irid jinghad illi ghalkemm fuq wara tal-process dwar dan il-kaz, hemm vera kopja ta' process verbal dwar is-sejba ta' pilloli suspettati *ecstasy* fuq il-persuna ta' Stephen Mifsud gewwa l-Axis Night Club skond rapport tal-pulizija tal-1 ta' Mejju 2004, dan il-process verbal baqa' ma giex esebit mill-Prosekuzzjoni f'dawn il-proceduri u ghaldaqstant, il-Qorti m'hijiex qeghda tiehu konjizzjoni tieghu.

[9] Esebita a fol. 56 *et seq* tal-process.

Illi t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet odjerni jikkontemplaw ir-reati ta’ pussess illegali ossia semplici tal-pilloli *ecstasy* u tal-kokaina rispettivament u dan b’referenza ghall-1 ta’ Mejju 2006. Jirrizulta car mix-xhieda ta’ SM 45 Marisa Bartolo, illi dawn is-sustanzi nstabu fil-pussess tal-imputat fid-data msemmija, kif jirrizulta wkoll mill-istqarrija tieghu, fejn l-imputat stess ikkonferma illi dawn instabu fil-pussess tieghu fil-jum in kwistjoni u li dawn kienu tieghu. Mir-relazzjoni tal-Ispizjar Mifsud, imbaghad jirrizulta car illi dawn is-sustanzi kienu jikkonsisti fi droga kokaina, zewg pilloli *ecstasy* u tracci ta’ trab li kien fih is-sustanza MDMA.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet jirrizultaw sodisfacentement ippruvati fil-grad rikjest mil-ligi.

L-ewwel imputazzjoni, imbaghad, tikkontempla r-reat ta’ traffikar tal-pilloli *ecstasy*, liema traffikar skond it-tezi tal-Prosekuzzjoni kien jikkonsisti fil-fatt illi l-imputat odjern ta informazzjoni lil certu Stephen Mifsud dwar fornitur li minghandu Mifsud seta’ jixtri l-pilloli *ecstasy* u dan billi laqqghu mal-istess fornitur, minghand min Mifsud imbaghad xtara mitt pillola *ecstasy*. Din l-imputazzjoni tirreferi specifikatament ghad-29 ta’ April 2004 u l-granet ta’ qabel din id-data. Madankollu, fix-xhieda tieghu tad-9 ta’ Jannar 2013, meta mistoqsi jekk kienx jaf id-dati meta huwa kien iltaqa’ mal-imputat, l-istess Stephen Mifsud jghid illi d-dati bl-ezatt ma kienx jafhom ghaliex ghaddew tmien snin u fuqhom u wara jghid illi kien madwar tmien snin qabel meta ltaqa’ mal-imputat. Veru illi fix-xhieda tieghu, PS 114 Massimo Persiano jghid illi Stephen Mifsud kien instab fil-pussess ta’ xi pilloli *ecstasy* fil-lejl ta’ bejn it-30 ta’ April 2004 u l-1 ta’ Mejju 2004, izda ma jirrizultax mill-provi meta Mifsud kien xtara dawn il-pilloli jew illi Mifsud kien xtara l-pilloli minghand il-persuna li ndikalu l-imputat odjern fid-data u fil-jiem li ghaliha tirreferi l-ewwel imputazzjoni.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-ewwel imputazzjoni ma gietx sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Ghal fini ta’ piena dwar it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni fl-ewwel lok il-fedina penali aggornata tal-imputat li tikkonsisti f’kundanna wahda dwar ksur tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta u dwar hsara involontarja.

Il-Qorti qieset ukoll illi l-imputat instab fil-pussess ta’ zewg pilloli u tracci li kien fihom is-sustanza MDMA u trab li fih instabet is-sustanza kokaina, liema trab kellu piz ta’ 0.599 grammi, b’purita` ta’ cirka 48.8%. F’dan il-kaz, ghalhekk ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 40A, 120A(1)(a) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985, it-Taqsimiet IV u VI u l-Artikolu 22(1)(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 4(1) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed issib lill-imputat mhux hati tal-ewwel imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u qed tilliberah minnha, izda qed issibu hati tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet u tikkundannah ghall-penali ta’ mija u disghin Euro (€190).

Tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti f’dawn il-proceduri ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ossia l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud ammontanti ghas-somma ta’ erba’ mija u erba’ Euro u hamsa u sebghin centezmu (€404.75), liema somma ghandha tithallas mill-hati fi zmien tliet xhur mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita bhala Dokument NC1, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------